MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 169/2012

**Dominic Bonnici**

**Vs**

**Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Dominic Bonnici fl-1 ta' Gunju 2012 permezz ta' liema jitlob li l-istimi mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007 jigu kkancellati u revokati stante li: (i) l-imsemmija stimi u l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 4 ta' Mejju 2012 li takkumpanjhom ma jaghtu ebda raguni ghalfejn id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma accettax l-ammonti denunzjati minnu fid-denunzji tat-taxxa tieghu ghall-perijodi in kwistjoni; (ii) flimkien mad-denunzji ghall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell huwa issottometta id-dokumentazzjoni relattiva li tkopri l-ispejjez ta' natura kapitali li kien qed jirreklama u ghalhekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) seta' jaghmel il-kontrolli kollha stipulati fl-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud ghall-fini li jivverifika li verament saret l-ispiza kapitali denunzjata fl-imsemmija denunzji tat-taxxa; u stante li (iii) l-istimi in kwistjoni huma invalidi fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi flimkien mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 6 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-appellant u jitlob li l-istess

tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess appellant, u minflok l-istimi mertu ta' l-appell jigu kkonfermati stante li: (i) it-tielet aggravju fuq liema l-appellant jibbaza l-appell tieghu mill-istimi mertu tal-kontestazzjoni huwa vag wisq u jwassal biex l-appellant ikun jista' jaghti l-aggravji kollha li jrid bi ksur ta' dak provdut fil-partita 2(1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 15(2)(a) u (b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) ghalkemm l-appellant illum jikkontendi li certa dokumentazzjoni mitluba mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma hijiex fil-pussess tieghu in kwantu safa' vittma ta' serq fis-sena 2008, huwa naqas li jinforma b'dan lid-Dipartiment anke meta fil-5 ta' Novembru 2007 huwa ghamel talba sabiex jikkoregi d-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u fi kwalunkwe kaz ma ressaq l-ebda prova ta' dan l-allegat serq. Ghaldaqstant a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghandu jirrifjuta li jammetti u jilqa' kwalunkwe dokumentazzjoni li l-appellant jista' jipprezenta fil-mori ta' l-appell; (iii) l-unika dokumentazzjoni provduta mill-appellant ma tistax titqies bhala valida peress illi ma jikkostitwixxux fatturi kif stabbilit fit-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jew ma kienux jappartjenu lin-negozju tieghu in kwantu indirizzati fuq persuna ohra; u li (iv) kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant, huwa inghata r-raguni ghalfejn inhargu l-istimi mertu ta' dan l-appell fil-konfront tieghu;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 15 sa' 42 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Sammut moghtija waqt is-seduti tat-8 ta' April 2009[1], tal-11 ta' Gunju 2013[2] u tat-28 ta' Ottubru 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "JS" a fol. 55 sa' 59 tal-process u Dok. "GV" a fol. 66 sa' 70 tal-process. Ra l-affidavit ta' l-appellant esebit permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' Novembru 2013 a fol. 76 u 77 tal-process u sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2014[4] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "RS1" a fol. 80 tal-process;

Ra n-Nota kongunta tal-partijiet kontendenti pprezentata fl-4 ta' Frar 2014;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

[1] Fol. 60 sa' 64 tal-process.
[2] Fol. 71 u 72 tal-process.
[3] Fol. 74 sa' 75 tal-process.
[4] Fol. 81 tal-process.

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni l-appellant jikkontesta zewg stimi mahruga fil-konfront tieghu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007. Huwa jitlob li dawn iz-zewg stimi jigu kkancellati u revokati stante li: (i) l-imsemmija stimi u l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 4 ta' Mejju 2012 li takkumpanjhom ma jaghtu ebda raguni ghalfejn id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma accettax l-ammonti denunzjati minnu fid-denunzji tat-taxxa tieghu; (ii) flimkien mad-denunzji ghall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell huwa issottometta id-dokumentazzjoni relattiva li tkopri l-ispejjez ta' natura kapitali li kien qed jirreklama u ghalhekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) seta' jaghmel il-kontrolli kollha stipulati fl-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud ghall-fini li jivverifika li verament saret l-ispiza kapitali denunzjati fl-imsemmija denunzji tat-taxxa; u stante li (iii) l-istimi in kwistjoni huma invalidi fil-fatt u fid-dritt.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) b'Risposta pprezentata fil-21 ta' Gunju 2012 oppona ghat-talba ta' l-appellant u sostna li l-appell mill-istimi in kwistjoni ghandu jigi michud u l-istess stimi kkonfermati stante li: (i) it-tielet aggravju fuq liema l-appellant jibbaza l-appell tieghu mill-istimi mertu tal-kontestazzjoni huwa vag wisq u jwassal biex l-appellant ikun jista' jaghti l-aggravji kollha li jrid bi ksur ta' dak provdut fil-partita 2(1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 15(2)(a) u (b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) ghalkemm l-appellant illum jikkontendi li certa dokumentazzjoni mitluba mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma hijiex fil-pussess tieghu in kwantu safa' vittma ta' serq fis-sena 2008, huwa naqas li jinforma b'dan lid-Dipartiment anke meta fil-5 ta' Novembru 2007 huwa ghamel talba sabiex jikkoregi d-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u fi kwalunkwe kaz ma ressaq l-ebda prova ta' dan l-allegat serq. Ghaldaqstant a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghandu jirrifjuta li jammetti u jilqa' kwalunkwe dokumentazzjoni li l-appellant jista' jipprezenta fil-mori ta' l-appell; (iii) l-unika dokumentazzjoni provduta mill-appellant ma tistax titqies bhala valida peress illi ma jikkostitwixxux fatturi kif stabbilit fit-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jew ma kienux jappartjenu lin-negozju tieghu in kwantu indirizzati fuq persuna ohra; u li (iv) kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant, huwa inghata r-raguni ghalfejn inhargu l-istimi mertu ta' dan l-appell fil-konfront tieghu.

Nonostante l-kontestazzjoni originali da parte tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fir-rigward tas-sottomissjoni ta' dokumenti da parte ta' l-appellant fil-mori ta' dan l-appell, waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2014 Roderick Sultana in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) iddikara li fil-kaz in ezami l-istess Direttur ma huwiex ser jinsisti fuq il-provvediment ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi id-dokumentazzjoni pertinenti ghall-kapital iddikjarat mill-appellant fid-denunzji tat-taxxa tieghu, ghalkemm ma hijiex ghal kollox konformi ma' dak provdut fil-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar dokumenti in sostenn ta' dikjarazzjoni ta' *input tax,* già kienet fil-pussess tad-Dipartiment u ghaldaqstant ma hemmx lok ta' insistenza fuq l-imsemmi provvediment tal-Ligi.

Waqt l-imsemmija seduta tat-23 ta' Jannar 2014 ir-rapprezentant ta' l-appellant irribadixxa l-intenzjoni ta' l-appellant, minnu già espressa fl-affidavit tieghu, li jirtira l-appell in kwantu rigwarda l-*overheads* izda li jzomm ferm l-istess appell in kwantu rigwarda l-kapital u t-*tax periods*.

In segwitu ghal dawn id-dikjarazzjonijiet il-partijiet kontendenti pprezentaw Nota kongunta li biha ssottomettew is-segwenti: *1. Illi waqt l-investigazzjoni, ghalkemm intalbu kotba tan-negozju ghall-perijodi 01.02.07 – 30.04.07, 01.05.07 – 31.07.07 u 01.11.08 – 31.01.09, l-appellant ipproduca d-dokumenti li jkopru perijodu wiehed biss u senjatament il-perijodu ta' taxxa 01.11.08 – 31.01.09; 2. Illi l-parti mit-taxxa li giet imnaqqsa fil-perijodu 01.02.2007 – 30.04.2007 li kienet ta' natura kapitali li tammonta ghal €8,009.09 (VAT) originat minn korrezzjoni li talab l-appellant fil-5 ta' Novembru 2007; 3. Illi ma' din l-istess talba ghall-korrezzjoni l-appellant kien hemez kopja ta' dokumenti li jkorpu din l-ispiza; 4.*
*Illi fil-mori ta' dan l-appell instab li dawk id-dokumenti ma kienux jissodisfaw ir-rekwiziti tat-Tnax-il Skeda tal-Kap.406; 5. Illi l-appellant waqt is-smigh ta' l-appell ipproduca fatturi ai termini tal-Kap.406; 6. Illi ladarba dawn id-dokumenti kienu digà sottomessi qabel, id-Direttur Generali accetta l-fatt li l-artikolu 48(5) f'dan il-kaz m'ghandux jigi applikat minhabba c-cirkostanzi surreferiti; 7. Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati jidher car li mit-talba tat-taxxa fuq l-ispejjez kapitali, l-ammont li ghandu jigi inkluz fil-perijodu 01.02.07 – 30.04.07 (fejn dan originarjament gie mitlub) ghandu jammonta ghal €85.27 (VAT). Il-kumplament li jammonta ghal €7,923.80 ghandu jigi inkluz fil-perijodi 01.05.07 – 31.07.07 (ara Dok. A anness); 8. Illi l-kumplament tat-taxxa mitluba fil-perijodi 01.02.07 – 30.04.07 u 01.05.07 – 31.07.07 ghandha tigi mnaqqsa; 9. Illi tenut kont tas-suespost, il-partijiet umilment jitolbu*

*lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex fid-decizjoni tieghu jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatti.*

Minn dak li jirrizulta mill-atti processwali u b'mod partikolari fid-dawl tan-Nota kongunta tal-partijiet kontendenti johrog car li l-appell ta' l-appellant mill-istimi mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq l-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007 jista' jigi milqugh in parte biss peress illi ghalkemm tali stimi ghandhom jigu riveduti fid-dawl ta' dak li jirrizulta min-Nota Kongunta tal-partijiet kontendenti u dokument Dok. "A" anness maghha, dwar l-allokazzjoni ta' l-ispejjez kapitali dikjarati mill-appellant ghall-finijiet ta' Input VAT, tali revizjoni ma ghandhiex tolqot it-tnaqqis ta' €141.35 dikjarati bhala *overheads* u ta' €163.69 dikjarati bala *goods for re-sale* ghall-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u in kwantu rigwarda t-tnaqqis ta' €172.28 dikjarati bhala *overheads* u ta' €234.45 dikjarati bhala *goods for re-sale* ghall-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007, liema tnaqqis anzi ghandu jigi ikkonfermat.

Ir-revizjoni skond in-Nota Kongunta tal-partijiet kontendenti u d-dokument Dok. "A" anness maghha, liema Nota u dokument ghandhom jifformaw parti integrali minn din is-sentenza, tikkonsisti f'li l-ispejjez kapitali ammontanti ghal €8009.07 dikjarati mill-appellant ghall-finijiet ta' Input VAT fil-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007, jigu allokati bil-mod segwenti: (i) is-somma ta' €85.27 relattiva ghal *electronic products* tigi allokata bhala spiza kapitali fil-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007; u (ii) is-somma komplessiva ta' €7,923.80, rapprezentanti in kwantu €5,827.37 in konnessjoni ma' akkwist ta' vettura u in kwantu ghal €2,096.43 in konnessjoni ma' xoghlijiet esegwiti minn certu Saviour Bonello a favur l-appellant, tigi allokata bhala spiza kapitali fil-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' in parte l-appell interpost minn Dominic Bonnici mill-istimi ghall-perijodi ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 u l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007 u jordna li l-imsemmija stimi jigu riveduti in kwantu rigwarda l-isejjez kapitali dikjarati minn Dominic Bonnici ghall-finijiet ta' Input VAT, b'dana illi tali spejjez kapitali jigu allokati fil-perijodi ta' taxxa relattivi hekk kif jirrizulta min-Nota Kongunta tal-partijiet kontendenti u mid-dokument Dok. "A" anness maghha, liema Nota u dokument jifformaw parti integrali minn din is-sentenza, u cioè li fil-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Frar 2007 sat-30 ta' April 2007 jigi allokat bhala spejjez kapitali l-ammont ta' €85.27 u li fil-perijdou tat-taxxa l-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007 jigi

allokat bhala spejjez kapitali l-ammont ta’ €7,923.80, b’dana li tali revizjoni ma ghandiex però tolqot t-tnaqqis ta’ €141.35 dikjarati bhala *overheads* u ta’ €163.69 dikjarati bala *goods for re-sale* ghall-perijodu ta’ taxxa l-1 ta’ Frar 2007 sat-30 ta’ April 2007 u in kwantu rigwarda t-tnaqqis ta’ €172.28 dikjarati bhala *overheads* u ta’ €234.45 dikjarati bhala *goods for re-sale* ghall-perijodu ta’ taxxa l-1 ta’ Mejju 2007 sal-31 ta’ Lulju 2007, liema tnaqqis qed jigi kkonfermat.

Fid-dawl tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

Ai termini tal-partita 2(4) tad-Disa’ Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta’ din id-decizjoni tigi notifikata lill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------